# *Il-Festa tal-Corpus Christi*

Din is-sena ser niċċelebrawha fir-**Raba' Jum tan-Novena** bi tħejjija għall-Festa. Naħseb li hi providenzjali li ħabtet eżatt ġimgħa qabel is-Solennità ta' San Pietru u San Pawl ħalli niftakru kemm l-Ewkaristija kienet ċentrali fil-ħajja ta' dawn iż-żewġ Qaddisin Appostli. San Pietru stess jikteb: "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1Pt 1,18-19). U San Pawl ifakkarna li "issa, fi Kristu Ġesù, intom, li darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu" (Ef 2,13).

Għandna bżonn inħossuh qrib tagħna. Ejja mela niġu ħdejh u nżommuh qrib tagħna biex jimlielna 'l qalb tagħna bis-sliem. Għax hekk jaf jagħmel magħna l-Mulej: Hu "ġie jħabbar is-sliem, sliem lilkom li kontu fil-bogħod, u sliem lil dawk li kienu fil-qrib" (Ef 2,17).

**4.30pm** Għasar kantat mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata

**5.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Dun Noel Debono bis-sehem tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-familji tagħhom, u wara ħruġ tal-purċissjoni tal-Korpus li tgħaddi mit-toroq Xandriku, San Ġwann u Diċembru Tlettax.

It-tfal tal-Ewwel Tqarbina ser jimxu bil-libsa l-bajda quddiem Ġesù Ewkaristija sabiex jifirxu l-petali tal-ward u l-weraq matul it-triq. L-ommijiet u l-familjari jakkumpanjaw u jkunu preżenti ħdejn it-tfal tagħhom matul il-purċissjoni, filwaqt li l-missirijiet jgħinu fl-irfigħ tal-Baldakkin li taħtu jimxi s-saċerdot bl-Ewkaristija.

**7.00pm** Quddiesa mmexxija minn Mons. Ġużepp Attard.

**Il-Kappella tal-Adorazzjoni**

Il-Prayer room matul il-ġimgħa tal-festa: mill-Ħadd 22 sat-Tnejn 30 ta' Ġunju se tibqa' magħluqa. Filwaqt li tkompli l-Adorazzjoni Ewkaristika kull filgħodu fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù mit-8.30am sal-11.00am.

**Ftuħ taċ-Ċimiterji tal-Parroċċa**

Is-Sibt 28 ta' Ġunju u l-Ħadd 29 ta' Ġunju (nhar il-festa) iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina ser ikunu miftuħin mis-7:00am sas-4:00pm.

**Infakkrukom u nħeġġukom tinġabru għaċ-ċelebrazzjonijiet sbieħ tan-Novena u tat-Tridu, b'mod speċjali:**

**It-Tnejn**: Quddiesa bis-sehem festiv taż-żgħażagħ tagħna

**It-Tlieta**: Nifirħu fil-25 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Reuben Micallef

**L-Erbgħa**: Nagħtu merħba lill-emigranti Nadurin u lir-residenti barranin

**Il-Ħamis**: Niċċelebraw mal-anzjani u l-morda tagħna fid-9.00am u filgħaxija nkomplu nisimgħu l-prietki tat-Tridu minn Mons. Carmelo Refalo

**Il-Ġimgħa**: Ma' dawk kollha li jġibu l-isem ta' Pietru u Pawlu ningħaqdu f'radd il-ħajr lil Alla

**Is-Sibt**: Nirringrazzjaw bit-Te Deum fid-9.00am u fis-6.30pm nieħdu sehem fit-Traslazzjoni Pontifikali u fil-ġmiel tat-talb tal-għasar kantat mal-orkestra

**Il-Ħadd**: Niftħu Jum il-Festa bil-Pontifikal Solenni fid-9.00am

**Grazzi kbira tal-ġenerożità tagħkom**

Il-ġabra fil-knisja waqt il-ħruġ tal-istatwa għażiża ta' San Pietru u San Pawl laħqet is-somma ta' €3,510. Filwaqt li l-ġabra bieb bieb laħqet is-somma ta' €11,484.06. Inkomplu nħeġġukom tgħinuna billi twasslu l-offerti tagħkom permezz tal-envelop fil-knisja jew fl-uffiċċju parrokkjali. Il-ġabra matul il-quddies tal-Ħadd se tmur ukoll għall-ispejjeż tal-festa.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am